Kunsill Lokali Paola

*Ref*: 60/7/194/19

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 60

*L-Erbgħa 29 ta' Mejju 2019*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju 2019. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku*<br>Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*<br>Tyrone Muscat-*Kunsillier*<br>Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija**<br>(Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa-*Viċi Sindku*<br>Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | Nicholas Seychell-Kunsillier |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Viċi Sindku Axisa u l-Kunsillier Spiteri talbu biex ikun skużati minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw dawn l-apoloġiji.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr. 59 ġew approvati *nem com.*

2.2. Fuq punt nr. 6 il-Kunsillier Lynch staqsa dwar ix-xogħol pendenti li fadal isir fil-pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsillier illi huwa kien kiteb bil-miktub u r-rappreżentant tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali irrisponda bix-xogħol li għad fadal isir. Il-Kunsillier Muscat ġibed l-attenzjoni illi fil-Press Conference imsejħa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali fejn il-Pjazza ingħatat lura f'idejn il-Kunsill, ic-Chairperson tal-Kunsill Konsultattiv Etienne Grech kien tassew partiġġjan fid-diskors tiegħu meta din kienet attività tal-Gvern.

3. **Korrispondenza**

3.1. Ċirkulari mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema ġdida marbuta ma' proġetti b'risq l-annimali. Il-membri qablu li għanda issir applikazzjoni wara li naraw xi proġett jista' isir b'konsultazzjoni ma' dawk li jitimgħu l-qtates.

4. ***Risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni***

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lil membri ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni fejn il-Kunsill qiegħed jieħu nota tal-punti kollha imressqa mill-awdituri liema punti ġew diskussi kollha mal-istaff u anke l-accountants tal-Kunsill. Il-membri approvaw din ir-risposta.

5. **Ftehim dwar ħaddiema mill-Faċilita Korrettiva ta' Kordin**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kif kien qed jiġi fi tmiemu il-proġett tal-pjazza l-Onorevoli Parnis kien għamel ftehim mad-Diriġenti tal-ħabs sabiex jintbagħtu ħaddiema sabiex jassistu fit-tindif fil-pjazza. Issa li l-proġett ġie fi tmiemu id-diriġenti tal-ħabs talbu sabiex isir ftehim fejn il-ħaddiema jingħataw "*pocket Money*". Il-membri iddiskutew dan is-suġġett u qablu li għalissa isir ftehim għall-wieħed mill-ħaddiema li qed jagħmel tindif estensiv fil-pjazza fejn jingħata €300 fix-xahar. Il-ħlas isir lill-faċilita umbagħad l-istess faċilita tgħaddi il-ħlas lir-resident. Għall-ħaddiem l-ieħor li qed jagħmel xogħol fil-Ġnien il-Mediterran il-membri qablu li trid issir diskussjoni mal-faċilita u mal-kuntrattur tal-ġnien.

6. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

7. **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

8. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

8.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 60 għas-somma ta' €47,757.47.

9. **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

9.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:00pm.

9.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 12 ta' Ġunju 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |